Ġun 2012
ħidmietna f'isimkom
PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR

# Is-7 Kunsill fin-Nadur

Fl-elezzjoni ta' nhar l-10 ta' Marzu 2012, il-poplu Naduri kellu d-dritt li permezz tal-vot tiegħu, jagħżel lil dawk il-ħames persuni li flimkien jiffurmaw is-seba' Kunsill tar-raħal tan-Nadur għal dawn it-3 snin li ġejjin. F'laqgħa li saret nhar it-2 t'April 2012, il-kunsilliera ġodda ġew mogħtija r-responsabilitajiet tagħhom u nhar l-10 t'April, is-Sindku Charles Said u l-vici Sindku Eucharist Camilleri ħadu l-ġurament tal-karigi ġodda tagħhom f'ċerimonja li saret fil-*Banca Giuratale*, fir-Rabat Għawdex.

Il-membri kollha tal-Kunsill il-ġdid wiegħdu li ser jikkooperaw flimkien għal ġid tal-lokal u r-residenti tiegħu bħal ma sar f'kull żmien kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill.






# SERVIZZ ĠDID MILL-ARRIVA GĦAR-RESIDENTI TA' SAN BLAS

Wara t-talba għal titjib addizzjonali fis-servizz ta' trasport pubbliku fin-Nadur, l-aktar fl-inħawi ta' San Blas, bi pjaċir, il-Kunsill Lokali tan-Nadur laqa' l-aħbar illi b'effett minn nhar il-Ħadd, 27 ta' Mejju ġie mniedi dan is-servizz ġdid.

Dan ifisser illi minbarra r-rotot 302, 303 u 322 li digà huma fis-seħħ, in-Nadur se jkollu rotta ġdida - 304 li speċifikament taqdi ż-żona ta' San Blas kull sagħtejn, mis-sitta ta' filgħodu sal-għaxra ta' filgħaxija.

**Għal aktar dettalji żur:**
**www.arriva.com.mt**
**u fittex għal rotot**
**302, 303, 322 u 304**

Il-Kunsill għalhekk, iħeġġeġ lir-residenti kollha biex, kull meta huwa possibbli, jagħmlu użu mis-sistema tat-trasport pubbliku. Mhux biss tkun qed tinqeda b'mod effiċjenti u fil-ħin, iżda tkun qed tgħin biex jonqos it-traffiku u titjieb il-kwalità ta' l-arja.

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jirringrazzja lil kull min ta sehmu biex din il-proposta daħlet fis-seħħ. Il-lokalità tagħna issa għandha servizz tat-trasport tajjeb ħafna.

Bħala Kunsill Lokali, se nkomplu nsegwu kontinwament is-sistema ta' trasport pubbliku sabiex niżguraw li s-servizz tajjeb jinżamm u fejn ikun hemm bżonn anke jitjieb.

## Victoria - Racetrack - Nadur - Nadur (San Blas) Bus 304

| | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Victoria, Bus Station | 06:00 | 08:00 | 10:00 | 12:00 | 14:00 | 16:00 | 18:00 | 20:00 | 22:00 |
| Xewkija, Racetrack | 06:06 | 08:06 | 10:06 | 12:06 | 14:06 | 16:06 | 18:06 | 20:06 | 22:06 |
| Nadur, Church | 06:12 | 08:12 | 10:12 | 12:12 | 14:12 | 16:12 | 18:12 | 20:12 | 22:12 |
| Nadur, San Blas, Weraq | 06:18 | 08:18 | 10:18 | 12:18 | 14:18 | 16:18 | 18:18 | 20:18 | 22:12 |

## Nadur (San Blas) - Nadur - Racetrack - Victoria Bus 304

| | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 | 304 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nadur, San Blas, Weraq | 06:19 | 08:19 | 10:19 | 12:19 | 14:19 | 16:19 | 18:19 | 20:19 | 22:19 |
| Nadur, Church | 06:24 | 08:24 | 10:24 | 12:24 | 14:24 | 16:24 | 18:24 | 20:24 | 22:24 |
| Xewkija, Racetrack | 06:30 | 08:30 | 10:30 | 12:30 | 14:30 | 16:30 | 18:30 | 20:30 | 22:30 |
| Victoria, Bus Station | 06:35 | 08:35 | 10:35 | 12:35 | 14:35 | 16:35 | 18:35 | 20:35 | 22:35 |



# Xogħlijiet



Bankina u bank ġdid fi Triq Xandriku



Tindif, bini ta' ħitan tas-sejjieħ u patching f'Wied Binġemma.



Xogħol ta' żebgħa u restawr fuq il-fanali fi Pjazza San Pietru u San Pawl.



Bini ta' ħitan tas-sejjieħ u twaħħil ta' railings ta' l-injam fil-bajja ta' San Blas.



Twaħħil ta' bankijiet ġodda fi Triq San Ġużepp, kantuniera ma' Triq ir-Ramla.

## Child Day Care Centre is-Sena Kollha

Waħda mix-xewqat tal-Kunsill Lokali tan-Nadur hi li jiġi mniedi Child Day Care Centre fir-raħal tan-Nadur għall-benefiċċju tat-tfal u l-familji tagħna. Dan għandu jkun ta' ġid kbir għal komunità għar-raġuni li joffri post sigur, nadif u adattat meta t-tfal ma jkunux qegħdin mal-ġenituri tagħhom kif ukoll iħajjar lill-ġenituri li jridu jkomplu jaħdmu fl-impjieg tagħhom b'serħan il-moħħ. Qegħdin għalhekk isiru diversi diskussjonijiet ma' entitajiet differenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja sabiex jiġi identifikat post adattat.



## Clean Up a Valley

Nhar id-19 ta' Mejju, grupp ta' żgħażagħ mill-lokalità tagħna, membri tal-Youth Council, ħadu l-inizjattiva li jndafu l-Wied ta' Xħajma bħala parti mill-attività Clean Up a Valley. Nieħdu ferm pjaċir nisimgħu b'attivitajiet bħal dawn li wara kollox, l-iskop ewlieni tagħhom ikun li nkomplu nsebbħu lir-raħal tagħna.

## Dawl f'Daħlet Qorrot

Bħalissa jinsab għaddej proċess sabiex jinħareġ tender għal proviżjoni ta' dawl f'Daħlet Qorrot permezz ta' Off Grid PV System li tiċċarġja matul il-jum u tixgħel numru ta' dwal matul il-lejl.

# L-IMNARJA

**Festa ta' Tradizzjonijiet u Folklor wirt il-Mixgħela tal-Imgħoddi**

*Programm ta' Attivitajiet Soċjali u Kulturali li ser jiġu organizzati mill-Kunsill Lokali tan-Nadur fl-okkażjoni tal-festa tal-Imnarja li ser tiġi ċċelebrata fin-Nadur f'ġieħ is-Solennita` tal-Appostli San Pietru u San Pawl 2012*

**18 ĠUN**

**8.45 p.m.:** Fis-'Sala Joe Tabone', fil-bini tal-Kunsill isir il-ftuħ tal-esebizzjoni ta' statwetti Antiki tal-Appostli San Pietru u San Pawl li jġib l-isem ta' 'Duo Luminaria Magna' - 'Żewġ Idwal Kbar' mis-Sindku Charles F. Said u wara jsir it-tberik minn Mons. Arċipriet Jimmy Xerri Ph.L. Din l-esebizzjoni li se tkun qed twassal ftit mis-sabiħ tal-patrimonju nobbli Naduri, hija t-tielet mis-sensiela ta' esebizzjonijiet li jġibu l-isem ta' 'Nadurjana' li qed jiġu organizzati minn żmien għal żmien mill-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien mal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl. Ħajr speċjali lil APS BANK li ta l-għajnuna tiegħu biex din il-wirja setgħet tkun possibli.

**19 ĠUN**

**8.45 p.m.:** Fi Pjazza San Pietru u San Pawl tibda 'Festa Tfal' fejn it-tfal preżenti jistgħu jifirħu u jilagħbu permezz ta' numru ta' attrazzjonijiet divertenti li se jiġu provduti apposta għalihom għal din l-okkażjoni.

**20 ĠUN**

**8.45 p.m.:** Fi Pjazza San Pietru u San Pawl tittella attivita` organizzata mill-MEUSAC. Bħala parti minn din l-okkażjoni, minn Triq Xjuf ir-Riħ tibda parata mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta li tgħaddi minn Triq Diċembru 13 u tispiċċa fi Pjazza San Pietru u San Pawl fejn wara l-imsemmija Banda tesegwixxi Programm Mużikali.

**9.00 p.m.:** Biex infakkru dak li kienu jagħmlu l-antenati tagħna fl-imgħoddi fil-ġonna tal-Buskett fin-Nadur, attivita` li tmur lura żgur sa mis-sena 1720, fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri ssir l-Ikla Tradizzjonali tal-Imnarja. Tittella` serata ta' Għana Malti minn numru ta' għannejja popolari. Jieħdu sehem ukoll il-Folk Group 'Imnarja', il-Folk Group 'Astra', 'The Turning Pointe` Dance Theatre' b'wirja ta' folk Ballet, il-kantanti Alfred Portelli 'The Gozo Boy', Rebecca Bonello, Christine Camilleri, Charlene Muscat - ir-rebbieħa tan-Nadur Song Festival u l-kantant Kurt Calleja - ir-rebbieħ tal-Malta

Eurovision Song Contest 2012. Jippreżentaw Pierre u Mirelle Bonello filwaqt li jiġi servut ikel tradizzjonali Malti. F'din il-lejla, numru ta' karozzini ser ikunu disponibli għal dawk kollha li jixtiequ jagħmlu dawra mat-toroq prinċipali tan-Nadur b'dan il-mezz tradizzjonali u sinonimu ma' pajjiżna.

## 23 ĠUN

**8.45 p.m.:** Minn bidu ta' Triq Diċembru 13 jibda marċ mill-Banda tal-Boy Scouts tal-Ħamrun. Eżattament wara jsir il-ftuħ tal-Wirja Agrarja ta' prodotti agrikoli mkabbra minn bdiewa Nadurin, kif ukoll ta' pjanti, annimali domestiċi, makkinarju tal-biedja u sajd antiki u ta' artiġjanat mill-Onor. Chris Said - Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri. Fuq il-bjut issir il-mixgħela tal-luminarja bix-xemgħat u l-fjakkoli li huma s-simboli tal-festa tal-Imnarja tal-imgħoddi. Wara jkun hemm serata ta' għana minn għannejja minn Malta u minn Għawdex, kif ukoll wirja ta' żfin tradizzjonali mill-Folk Group 'Imnarja'. Jiġi servut ikel u xorb tradizzjonali.

**9.30 p.m.:** Jingħata bidu għall-Kunċert ta' kanzunetti mir-repertorju Malti u dak Naplitan mis-Soprana Georgina Gauci b'akkumpanjament fuq il-pjanu minn Mro. Antoine Theuma.

## 24 ĠUN

**8.00 a.m.:** Tkompli l-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri  bis-sehem tal-Grupp Folkloristiku 'Ta Ċangura'.

**9.00 a.m.:** Fi Pjazza San Pietru u San Pawl tiftaħ wirja ta' Karrozzi Klassiċi organizzata mill-'Classic Sports Cars Club' ta' Malta.

**9.30 a.m.:** Jibda marċ mill-Banda Mnarja minn Triq Grunju u jgħaddi minn Triq San Ġwann, Triq Xandriku, Triq Rakella Camilleri, Pjazza 28 ta'April 1688,  fejn jintemm fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri.

**10.00 a.m.:** Isir it-tberik tal-pets u annimali mill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri Ph.L. u fi tmiem issir il-preżentazzjoni ta' tifkira lill-esebituri mill-Onor.  Giovanna Debono - Ministru għal Għawdex u mis-Sindku tan-Nadur Charles F. Said.

## 25 ĠUN

**9.00 p.m.:** Fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri, il-Banda Mnarja tesegwixxi l-Programm Mużikali Annwali tagħha. Jidderieġi dan il-programm mużikali bl-isem ta' 'Big Band Adventures', is-Surmast Direttur tal-insemmija Banda Mro. Joseph Grech.

## 29 ĠUN

### JUM IS-SOLENNITA` UNIVERSALI TAL-APPOSTLI SAN PIETRU U SAN PAWL

**9.00 a.m.:** Il-membri tal-Kunsill jattendu għall-Pontifikal Solenni ta' jum il-festa mmexxi mill-Eċċ. T. Mons. Isqof Mario Grech fil-Bażilika. F'din l-okkażjoni, is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera kollha tal-Kunsill qed iwasslu l-istedina tagħhom lil poplu Naduri kollu biex f'dan il-mument solenni jingħaqad magħhom u b'imħabba u qima lejn l-Appostli San Pietru u San Pawl iqaddsu dan il-jum speċjali bit-talba tal-Quddiesa u bis-sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin.

**2.30 p.m.:** Fi Triq tax-Xħajma ssir it-Tiġrija Tradizzjonali taż-żwiemel ta' Jum l-Imnarja bis-sehem ta' ġerrejja minn Malta u minn Għawdex.

## 30 ĠUN

**8.30 p.m.:** Fi Ġnien il-Kunsill tittella` Attivita` Soċjali u ta' divertiment għall-familja kollha.


SPONSORS UFFIĊJALI

Ministry for Justice, Dialogue and the Family

APS bank

Coca-Cola

Sunshine Snacks

BOV Bank of Valletta

eco gozo a better gozo




Is-Sindku, Charles Said u l-Kunsilliera kollha jawguraw il-festa t-tajba lir-residenti kollha tar-raħal tan-Nadur.

# XALATA TAL-FESTA

**Organizzata mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.**



**Is-Sibt 30 ta' Ġunju 2012,**
**Ġnien il-Kunsill, Nadur**
**mit-8:00 pm 'il quddiem**

## Varjeta` ta' Divertiment għall-familja kollha.

BBQ KBIR
AREA TA' LOGHOB
GHAT-TFAL
(BOUNCING CASTLE, FACE
PAINTING U RIDES OHRA)
TOMBLI KBAR - BAR
MISTIEDNA SPECJALI
L-BAND 'THE TRAMPS'





***Biljetti għall-BBQ jinsabu għall-bejgħ mingħand il-membri tal-kumitat, jew ċemplu 79069820 għall-prezz ta' €10 il-kbar u €5 it-tfal.***

**Ejjew ħudu gost magħna ħalli nagħlqu l-festa kif jixraq flimkien**



# Avviżi



## Skart Separat

Inħeġġu lir-residenti kollha biex jiħdu drawwa jisseparaw l-iskart. Dan jista' jsir permezz ta' borża griża għall-karta, plastik u metall. Jistgħu wkoll jiġu wżati l-Bring In Sites li għandna fil-lokalità tagħna fi Triq it-Tiġrija, tal-Ħali u San Blas għall-karta, plastik, metall u ħġieġ.

## Ġbir ta' Ħwejjeġ Użati



Dawk il-persuni li jixtiequ jirriċiklaw ħwejjeġ użati mitluba jikkuntattjaw lil Kunsill Lokali għall-arġamenti ta' ġbir. Ir-residenti huma mitluba sabiex ma jieħdux dawn il-ħwejjeġ fl-uffiċju tal-Kunsill.

## Korsijiet għas-Sajf 2012

Għal sena oħra, l-Kunsill Lokali tan-Nadur ħa ħsieb li jorganizza korsijiet varji kemm għat-tfal kif ukoll għal kbar. Lista dettaljata ta' dawn il-korsijiet kif ukol formula ta' applikazzjoni jinsabu fuq is-sit tal-Kunsill - www.nadur.gov.mt.

## Child Day Care Centre

Għal ħdax-il sena konsekuttiva, il-Kunsill tan-Nadur, b'kollaborazzjoni ma' l-Iskola Primarja tan-Nadur, qed jorganizza Child Day Care Centre għal tfal bejn it-3 u l-5 snin. Dan is-servizz ser jibda nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju u jibqa' jiġi offrut sa nhar il-Ġimgħa 14 ta' Settembru 2012 - ħamest ijiem fil-ġimgħa bejn id-9.00am u nofsinhar fl-Iskola Primarja tan-Nadur. Dan is-servizz jiswa €80 għal kull persuna u jinkludi 44 sessjoni, 132 siegħa. Dawk interessati mitluba japplikaw fl-uffiċċju tal-Kunsill jew inkella jniżżlu l-formula minn fuq is-sit tal-Kunsill, www.nadur.gov.mt sa mhux aktar tard mill-Gimgħa, 25 ta' Ġunju 2012.

## Open Skips

F'Ta Xurdin, l-iskips ikunu hemm kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa bejn nofsinhar u l-5.00pm. Is-Sibt ikunu disponibbli mit-8.00am sal-4.00pm. Infakkru li dawn l-iskips huma għall-użu tar-residenti tan-Nadur biss.



## Wirja Agrarja 2012

Bħal kull sena, bħala parti mill-okkazzjonijiet tal-festa, l-Kunsill Lokali tan-Nadur jieħu ħsieb jorganizza l-Wirja Agrarja. Din is-sena, din l-attivita ser issir nhar is-Sibt, 23 ta' Ġunju u l-Ħadd, 24 ta' Ġunju 2012. Nagħmlu għalhekk appell lill-bdiewa Nadurin sabiex jieħdu sehem f'din il-wirja billi jeżebixxu prodotti agrikoli, annimali, tjur, oġġetti ta' artiġjanat u prodotti oħra li jsiru fin-Nadur. Kull min jesebixxi jingħata tifkira u fl-aħħar jingħataw ukoll numru ta' vouchers li jitellgħu bix-xorti fost dawk kollha li jieħdu sehem.

## Twaqqif ta' Żewġ Sotto Kumitati

Fl-ewwel laqgħa tas-seba' Kunsill ġie ssuġġerit li jitwaqqfu żewġ sotto kumitati ġodda: Sotto Kumitat Organizzattiv ta' l-Attivitajiet Kulturali u Sotto Kumitat tal-Ġemellaġġi u Kuntatti barra minn Malta.

Peress li qiegħdin fix-xahar ta' Ġunju, xahar li fin-Nadur tiġi organizzata l-festa ta' l-Imnarja, is-Sotto Kumitat Organizzattiv ta' l-Attivitajiet Kulturali diġa ltaqa' għal diversi drabi u l-lista ta' attivitajiet konnessi mal-festa ġiet diskussa u finalizzata. Membri minn diversi aspetti u kumitati oħra fin-Nadur ġew innominati sabiex jagħmlu parti minn dan is-sotto kumitat. Dan sar bil-għan li kulħadd ikollu s-sehem tiegħu u x-xogħol li għandu jsir, jinqasam bejn il-membri kollha. Il-lista ta' attivitajiet għal żmien il-festa hija ferm akbar minn dik tas-soltu u dan grazzi għal għajnuna ta' diversi entitajiet kummerċjali li ser ikunu jisponsorjaw dawn l-attivitajiet.

Bħala parti mill-pjan tal-Kunsill li jkompli jsaħħaħ u jkabbar ir-relazzjonijiet tiegħu barra minn Malta, diversi persuni oħra ġew nominati sabiex jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat tal-Ġemellaġġi u Kuntatti barra minn Malta.




# Delicata Classic Wine Festival 2012

NADUR, GOZO
31 AUG - 2 SEP

SPECIAL GUESTS
CASH & BAND,
AIRPORT IMPRESSIONS

